

Il-Forti Sant'Anġlu fl-1870. Il-batterija l-ġdida tidher qed tinbena

# IL-FORTI SANT'ANĠLU U L-ARMATA INGLIŻA

Fl-ewwel żewġ intervisti, Matthew Balzan, Kuratur Prinċipali tal-Fortifikazzjonijiet ta' Heritage Malta, spjegalna kif Sant'Anġlu nbena fi żmien il-Medju Evu. Meta mbagħad waslu fostna l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, din il-fortifikazzjoni ssaħħet biex tkun tista' tilqa' għall-attakki li bdew jiżviluppaw maż-żminijiet. Kien il-kastell Sant'Anġlu li rnexxielu jilqa' l-ibbumbardjar tal-Ottomani minkejja li postijiet oħra waqgħu. Illum se nkomplu nwasslu u nkattru l-informazzjoni fuq il-fortizza u x'għadda minnha hekk kif għaddiet f'idejn l-Ingliżi.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Matthew, meta nistgħu ngħidu li l-Forti Sant'Anġlu għadda f'idejn l-Armata Ingliża u x'kien l-użu tiegħu għall-istess Ingliżi?**

Dan seħħ mal-kapitulazzjoni tal-Forzi Franċiżi f'Malta, fil-5 ta' Settembru 1800. Għal kważi 100 sena, il-fortizza baqgħet tiġi żviluppata u użata bħala batterija kostali biex tiddefendi d-daħla tal-Port il-Kbir, hekk kif kienet ġiet mibdula f'dan ir-rwol mill-inġinier militari Carlos Grunenbergh, bejn l-1689 u l-1691.

> **Fl-1806 wieħed mill-postijiet li kien qed jiġi propost li fih jinbena baċir kien il-foss tal-fortizza. Biss, dan il-proġett ma mmaterjalizzax ruħu u kien fl-1843 li beda jinbena l-baċir Numru 1 iżjed 'il ġewwa fid-daħla bejn il-Birgu u l-Isla**

Biss, matul is-seklu 19, it-teknoloġija tal-gwerra rat progress kbir u dan wassal sabiex bil-mod il-mod, il-Forti Sant'Anġlu beda jerġa' jitlef l-importanza militari tiegħu meta mqabbel ma' fortizzi oħrajn ta' żmien il-kavallieri, bħall-Forti Sant'Iermu u l-Forti Rikażli u anke fortifikazzjonijiet ġodda fit-tieni nofs ta' dan is-seklu. L-iżvilupp fl-artillerija u l-kanuni wkoll wassal biex sa tmiem is-seklu 19, il-Forti Sant'Anġlu ma baqax relevanti għal gwerra moderna u spiċċa mgħoddi f'idejn il-Flotta Rjali fl-1906.

**Saru xi tibdiliet fil-binja tal-forti tul dawn iż-żminijiet?**

Għall-ewwel snin, l-Armata Ingliża ma tantx għamlet tibdiliet fil-forma tal-fortizza. Deskrizzjoni tal-post ġiet mogħtija mil-Logotenent Aeneas Anderson fl-1801, li jsemmi li l-post kellu diversi binjiet sbieħ. Apparti dan, Anderson jafferma l-qawwa tal-fortizza f'dan iż-żmien, hekk kif jgħid li waħidha, din il-fortizza kellha s-saħħa li tkisser kull bastiment tal-għadu li jittanta jersaq viċin wisq lejha.

Sal-1803, il-fortizza kellha 'l fuq minn 49 kanun. Dan ġie affermat fl-1813 f'rapport tal-Logutenent Kurunell Dickens. Hu semma li l-Forti Sant'Anġlu kien meqjus bħala ċ-ċittadella tal-Kottonera, iżda iktar minn hekk, kien jipprovdi d-difiża prinċipali tad-daħla tal-Port il-Kbir. Interessanti, li fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża kien hemm il-ħsieb ta' użu ġdid għall-inħawi tal-forti.

**Għall-bastimenti tal-Armata Ingliża, kienu bnew xi baċir?**

Fl-1806 wieħed mill-postijiet li kien qed jiġi propost li fih jinbena baċir kien il-foss tal-fortizza. Biss, dan il-proġett ma mmaterjalizzax ruħu u kien fl-1843 li beda jinbena l-baċir Numru 1 iżjed 'il ġewwa fid-daħla bejn il-Birgu u l-Isla. Skop li baqa' jiġi użat u anke żdied sew, kien l-użu tal-fortizza bħala post minn fejn jiġu sparati s-saluti. Dan kien isir kemm fil-festi tal-ibliet madwar il-Port il-Kbir u wkoll f'okkażjonijiet speċjali, bħal ħatra ta' Papa ġdid jew iż-żjara ta' xi membri tal-Familja Rjali f'Malta. L-unika binja li għaddiet minn xi tibdil kienet waħda mill-kwartieri tas-suldati li nbniet minn Mederico Blondel fl-1693. Din tkabbret u saritilha faċċata ġdida mill-Armata Ingliża.

**Il-fortizza kemm damet iżżomm ir-rwol tagħha bħala 'gwardjan' tal-Port il-Kbir?**

Damet taqdi din il-funzjoni sew sa nofs is-seklu 19. Dan ġie mistqarr mill-Kaptan Widdrington fl-1843, li iżda wera tħassib fuq l-armamenti tal-fortizza, li skont hu, kellhom jitkabbru sew fid-daqs. Dan kien ta' xhieda għall-avvanz li beda jsir fl-artillerija minn dan iż-żmien 'il quddiem. Is-sena ta' wara il-Kurunell Harding kompla fuq dan is-suġġett u ssuġġerixxa li l-batterija t'isfel, li kienet inbniet iktar minn 150 sena qabel, tiġi msaqqfa.

Dan sar, iżda sfortunatament, grigalata qawwija fl-1848 kissret ix-xogħol kollu li kien għadu kif tlesta ftit qabel. Terġa' dan ma kienx biżżejjed, għax wara li ssewwiet il-ħsara, grigalata oħra reġgħet kissret il-batterija fl-1852!

Fost żviluppi oħra, sa dak iż-żmien kienu nbnew maħżen fil-Batterija de Guiral u ħajt iffortifikat fil-parti tal-batterija t'isfel li tħares lejn il-Belt Valletta. Interessanti li fost l-ewwel proposti tal-breakwater li saru f'dak iż-żmien, kien hemm il-ħsieb li parti minn din l-istruttura tinbena taħt il-Forti Sant'Anġlu.

**Meta nistgħu ngħidu li l-Forti Sant'Anġlu ġie mgħammar bil-kanuni moderni?**

Kien fl-1852 li l-Gvernatur Sir William Reid kompla fuq il-ħsieb ta' Widdrington li l-Forti Sant'Anġlu jiġi mgħammar b'kanuni iktar moderni, speċjalment fuq in-naħa li tħares lejn id-daħla tat-Tarzna f'każ li xi bastiment tal-għadu jirnexxilu jiżgiċċa fil-Port il-Kbir.

Is-suġġerimenti ta' Reid issaħħew ftit tas-snin wara, meta f'rapport dettaljat tal-Kurunell Lefroy, ġie propost li l-fortizza

jkollha tibdil kbir fl-armamenti tagħha u bdew jiddaħħlu kanuni li kulma jmur, bdew jikbru fid-daqs. Kien f'dan iż-żmien ukoll li peress li bdew jitkabbru l-kanuni, bdew jinbnew diversi mħażen tal-porvli madwar il-fortizzi sabiex ifornu l-batteriji l-ġodda bil-porvli. Ħafna minn dawn il-binjiet ġew iddisinjati minn Philip Ravenhill tar-Royal Engineers. Sfortunatament, wieħed minn dawn l-imħażen sploda fl-1868 u wassal għall-mewt ta' tmien persuni. L-isplużjoni kienet tant qawwija li xi tifrik waqa' fix-xatt tal-Belt, in-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir.

**Allura r-ritmu għal armamenti ġodda kompla għaddej fis-snin ta' wara?**

Iva. Tant hu hekk li fl-1866, il-Gvernatur Sir Henry Storks reġa' semma l-bżonn ta' kanuni aktar moderni, peress li fi kliemu, il-Forti Sant'Anġlu kien ta' importanza kbira. Ftit taxxhur wara, ġie approvat l-akbar proġett li sar mill-Armata Ingliża fil-fortizza, fuq it-tieni batterija mibnija minn Carlos Grunenbergh fl-1690.

Dan il-proġett kien jinkludi l-bini ta' batterija ġdida msaqqfa għal tliet kanuni ta' 12-il tunnellata u b'kalibru ta' 9 pulzieri kull wieħed. L-ispiża għal dan ix-xogħol kienet ta' £2,786, somma sostanzjali għal dak iż-żmien. Il-batterija l-ġdida ġiet kompluta f'Diċembru tal-1872 meta waslu l-kanuni. Għalkemm tnejn minn dawn il-kanuni ġew merfugħin minn barra s-sur, it-tielet wieħed ġie mtella' minn ġo passaġġ li kien jgħaqqad il-batterija t'isfel ma' dik ta' fuqha, bir-riżultat li l-kanun weħel f'kantuniera u kellha tkun biċċa xogħol iebsa biex inqala' u finalment tpoġġa f'postu. Biss, immedjatament wara dan l-investiment, il-Ġeneral Adye mill-ewwel issuġġerixxa li jiżdiedu l-kanuni ta' dan it-tip fil-Forti Sant'Anġlu, anke minħabba li kien għad fadal diversi kanuni antiki fil-fortizza li sa dak iż-żmien ma kellhom l-ebda użu fi gwerra moderna.

**Kif insibu li tard fis-seklu 19, il-Forti Sant'Anġlu żied fl-importanza tiegħu?**

Għax matul is-sebgħinijiet ta' dak is-seklu, il-Forti Sant'Anġlu żied maħżen prinċipali tal-porvli minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu f'nofs il-Port il-Kbir. Sal-1878, il-Kavallier ta' Ferramolino kien il-post ewlieni fejn inħażen ħafna minn dan il-porvli, tant li fl-1855 kienu nbnew rampa u lift apposta biex jittella' l-porvli f'dan il-post.

Kien sar ukoll ħajt b'għoli ta' 34 pied quddiemu sabiex f'każ ta' splużjoni, dan jipprova jnaqqas il-ħsara kemm jista' jkun. B'kollox, fl-1878 il-fortizza kellha maħżunin fiha 9,785 bettija porvli, li 8,625 minnhom ma kinux maħsuba biex jintużaw mill-kanuni tal-fortizza.

**L-investiment kollu li sar fuq dan il-forti, ta l-frott mistenni?**

L-investiment kien qawwi għal dak iż-żmien, iżda n-nifs ġdid li ngħata lill-fortizza kien wieħed qasir. Dan għax matul is-sebgħinijiet tas-seklu 19, l-Armata Ingliża bdiet tibni diversi fortizzi ġodda li kienu aktar addattati għall-kanuni l-ġodda u mibnija b'sistema li jidhru mill-inqas minn fuq il-baħar, kuntrarju għall-Forti Sant'Anġlu li kien jispikka bl-għoli tiegħu. Barra minn hekk, sal-1884, ġew installati żewġ kanuni tal-100 tunnellata kull wieħed, li prattikament ġabu fi tmiemha l-importanza strateġika u militari tal-Forti Sant'Anġlu. Dan kompla bl-introduzzjoni ta' kanuni ġodda breech loaders, tant li għalkemm il-Forti Sant'Iermu u l-Forti Rikażli ġew addattati għal dawn l-armamenti, il-Forti Sant'Anġlu ma sarlu l-ebda investiment ta' dan it-tip minħabba l-qedem tiegħu.

**Jiġifieri dan jista' jfisser li minn dak iż-żmien, din il-fortizza baqgħet dejjem tnaqqas mill-importanza tagħha?**

Hekk hu. Il-fortizza baqgħet tnaqqas mill-importanza tagħha u dan hu rifless f'diversi rapporti militari tal-aħħar snin tas-seklu 19. Eżempju ċar ta' dan hu r-rapport ta' Nicholson u Goodenough, li fl-1888 iddeskrivew il-fortizza bħala qadima u mhux tajba biex tintuża għad-difiża tal-kosta.

Fil-fatt, jista' jkun li kien dan in-nuqqas ta' importanza li wassal sabiex fl-1887 bdiet it-tradizzjoni li viżitaturi ċivili jitħallew iżuru l-fortizza nhar is-7 u t-8 ta' Settembru sabiex tiġi mfakkra r-rebħa tal-Assedju l-Kbir, liema tradizzjoni għadha għaddejja sal-lum il-ġurnata. L-aħħar daqqa fuq l-użu militari tal-Forti Sant'Anġlu waslet fl-1898 hekk kif kull artillerija u kanuni li kien għad fadal, ġew proposti li jitneħħew u b'hekk, prattikament il-fortizza ma setgħetx tintuża aktar f'xi gwerra. Biss, għalkemm dan forsi wassal għall-biża' li l-Forti Sant'Anġlu jiġi abbandunat, dan ma kienx il-każ, peress li fl-istess żmien il-Flotta Rjali kienet qed tkabbar il-preżenza tagħha f'Malta u dejjem kellha bżonn ta' iktar faċilitajiet għall-użu tagħha. B'hekk, il-Forti Sant'Anġlu għadda għall-aħħar użu militari tiegħu li kellu jtawwal proprju sat-tluq tal-aħħar Forzi militari barranin mill-Gżejjer Maltin fl-1979.



Pjanta tal-Forti Sant'Anġlu li turi diversi binjiet ġodda f'nofs is-seklu 19 (Arkivji Nazzjonali tar-Renju Unit)



Il-Forti Sant'Anġlu fl-aħħar snin tas-seklu 19 (kollezzjoni Mużew Marittimu ta' Malta)



Il-batterija t'isfel li ġġarfet fi grigalata fl-1848 (Arkivji Nazzjonali tar-Renju Unit)